

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 792/2012

tat-23 ta' Awwissu 2012

li jistipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun irregolat l-kummerċ fihom ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Huma meħtieġa dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KE) Nru 338/97 u sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni".
- (2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ⁽²⁾, jeħtieġ li jitfasslu mudelli li jikkorrispondu għalihom il-permessi, iċ-ċertifikati u d-dokumenti l-oħra previsti f'dawk ir-Regolamenti.
- (3) Fil-15-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret f'Doha (il-Qatar) mit-13 sal-25 ta' Marzu 2010, ġew emendati għadd ta' Riżoluzzjonijiet rigward, fost l-oħrajn, l-armonizzazzjoni fil-permessi u ċ-ċertifikati u emendi fil-kodiċijiet tas-sors. Jeħtieġ għalhekk li dawn ir-Riżoluzzjonijiet jitqiesu u l-mudelli jiġu emendati skont dan. Huma meħtieġa wkoll bidliet sabiex dawn id-dokumenti jsiru aktar ċari għall-utenti tagħhom u għall-amministrazzjonijiet nazzjonali.
- (4) Għandhom jiġu ddefiniti kundizzjonijiet uniformi għall-użu ta' dawn il-formoli permezz ta' mudelli, struzzjonijiet u spjegazzjonijiet, biex jintużaw flimkien mar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
- (5) Dawn il-kundizzjonijiet uniformi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami pprovduta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-

Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽³⁾. Jeħtieġ għalhekk li jiġu inklużi f'Regolament ta' Implimentazzjoni li huwa distint mir-Regolament (KE) Nru 865/2006.

- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 865/2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-Fawna u l-Flora Selvaġġi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dispożizzjoni ġenerali

It-tfassil u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-formoli għal permessi, ċertifikati u dokumenti oħra pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 338/97 u r-Regolament (KE) Nru 865/2006 huma deskritti f'dan ir-Regolament. It-tfassil u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma speċifikati għal dawn id-dokumenti li ġejjin:

- (1) permessi ta' importazzjoni;
- (2) permessi ta' esportazzjoni;
- (3) ċertifikati ta' riesportazzjoni
- (4) ċertifikati ta' proprjetà personali;
- (5) ċertifikati tal-kollezzjoni tal-kampjuni;
- (6) notifikazzjonijiet ta' importazzjoni;
- (7) ċertifikati tal-wirja li tivvjaġġa;
- (8) folji ta' kontinwazzjoni għal ċertifikati ta' proprjetà personali u ċertifikati tal-wirja li tivvjaġġa;
- (9) ċertifikati pprovduti fil-paragrafi (2)(b), (3) u (4) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, u fl-Artikoli 8(3) u 9(2)(b) tiegħu;
- (10) tikketti msemmija fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

⁽¹⁾ ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

*Artikolu 2***Formoli**

1. Il-formoli li fuqhom jimtlew permessi ta' importazzjoni, permessi ta' esportazzjoni, ċertifikati ta' riesportazzjoni, ċertifikati ta' proprjetà personali u ċertifikati tal-kollezzjoni tal-kampjuni u applikazzjonijiet għal dokumenti bħal dawn għandhom isiru f'konformità mal-mudell fl-Anness I, ħliet fir-rigward ta' spazji riservati għall-użu nazzjonali.

2. Il-formoli li fuqhom jimtlew in-notifiki ta' importazzjoni għandhom jaqblu, għajr fir-rigward ta' spazji riservati għall-użu nazzjonali, mal-mudell stabbilit fl-Anness II. Jista' jkollhom numru tas-serje.

3. Il-formoli li fuqhom jimtlew iċ-ċertifikati ta' wirja li tivvjaġġa u applikazzjonijiet għal dokumenti bħal dawn għandhom jaqblu, għajr fir-rigward ta' spazji riservati għall-użu nazzjonali, mal-mudell stabbilit fl-Anness III.

4. Il-formoli li fuqhom jimtlew il-folji ta' kontinwazzjoni għal ċertifikati ta' proprjetà personali u għal ċertifikati ta' wirja li tivvjaġġa għandhom jaqblu mal-mudell stabbilit fl-Anness IV.

5. Il-formoli li fuqhom jimtlew iċ-ċertifikati msemija fil-paragrafi (2)(b), (3), u (4) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u fl-Artikoli 8(3) u 9(2)(b) tiegħu u l-applikazzjonijiet għal ċertifikati bħal dawn għandhom jaqblu, għajr fir-rigward ta' spazji riservati għall-użu nazzjonali, mal-mudell stabbilit fl-Anness V għal dan ir-Regolament.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, minflok it-test stampat minn qabel, il-kaxxa 18 u 19 għandhom jinkludu biss iċ-ċertifikazzjoni u/jew l-awtorizzazzjoni rilevanti, jew it-tnejn.

6. Il-formola tat-tikketti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tkun taqbel mal-mudell stabbilit fl-Anness VI għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3***Speċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-formoli**

1. Il-karta użata għall-formoli msemija fl-Artikolu 2 għandha tkun ħielsa minn polpa mekkanika u għandha tkun imħejjija għal għanijiet ta' kitba, u tkun tiżen mill-inqas 55 g/m².

2. Id-daqs tal-formoli msemija fl-Artikoli 2(1) sa (5) għandu jkun ta' 210 x 297 mm (A4) b'tolleranza massima fit-tul ta' 18-il mm inqas u 8 mm aktar.

3. Il-karta użata għall-formoli msemija fl-Artikolu 2(1) għandha tkun:

(a) bajda għall-formola 1, l-oriġinali, b'disinn guilloche fl-isfond, stampata bil-griż fuq quddiem, sabiex tixxef kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi;

(b) safra għall-formola 2, il-kopja għad-detentur;

(c) ħadra ċara għall-formola 3, il-kopja għall-pajjiż esportatur jew riesportatur fil-każ ta' permess għall-importazzjoni, jew il-kopja li tintbagħat lura mid-dwana lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ fil-każ ta' permess għall-esportazzjoni jew ċertifikat ta' riesportazzjoni;

(d) roża għall-formola 4, il-kopja għall-awtorità amministrattiva tal-ħruġ;

(e) bajda għall-formola 5, l-applikazzjoni.

4. Il-karta użata għall-formoli msemija fl-Artikolu 2(2) għandha tkun:

(a) bajda għall-formola 1, l-oriġinali;

(b) safra għall-formola 2, il-kopja għall-importatur.

5. Il-karta użata għall-formoli msemija fl-Artikolu 2(3) u (5) għandha tkun:

(a) safra għall-formola 1, l-oriġinali, b'disinn guilloche fl-isfond, stampata bil-griż fuq quddiem, sabiex tixxef kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi;

(b) roża għall-formola 2, il-kopja għall-awtorità amministrattiva tal-ħruġ;

(c) bajda għall-formola 3, l-applikazzjoni.

6. Il-karta użata għall-folji ta' kontinwazzjoni u t-tikketti msemija fl-Artikolu 2(4) u (6) rispettivament għandha tkun bajda.

7. Il-formoli msemija fl-Artikolu 2 għandhom jiġu stampati u jimtlew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni kif speċifikat mill-awtoritajiet amministrattivi ta' kull Stat Membru. Fejn meħtieġ, dawn għandhom jinkludu traduzzjoni tal-kontenut tagħhom f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' ħidma tal-Konvenzjoni.

8. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-istampar tal-formoli msemija fl-Artikolu 2, li, fil-każ tal-formoli msemija fl-Artikoli 2(1) sa (5) jistgħu jkunu parti minn proċess kompjuterizzat ta' ħruġ ta' permessi/ċertifikati.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 865/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikoli 2 u 3 għandhom jitħassru.

(2) L-Annessi I sa VI għandhom jitħassru.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-27 ta' Settembru 2012.


Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-UNJONI EWROPEA

ORIĠINALI	1	1. Esportatur/Riesportatur	PERMESS/ĊERTIFIKAT		Nru.	
			<input type="checkbox"/> IMPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> ESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> RIESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> OĦRAJN:		2. L-aħħar jum ta' validità:	
		3. Importatur	 Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu			
			4. Pajjiż ta' (ri)esportazzjoni		5. Pajjiż tal-importazzjoni	
		6. Post awtorizzat għall-kampjuni ħajjin tal-ispeċijiet tal-Anness A	7. Awtorità Amministrattiva tal-Ħruġ			
1		8. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż marki, sess/data tat-twelid għall-annimali ħajjin)	9. Massa netta (kg)	10. Kwantità		
			11. Appendiċi CITES	12. Anness UE	13. Sors	14. Għan
			15. Pajjiż tal-oriġini			
			16. Nru tal-Permess		17. Data tal-Ħruġ	
			18. Pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni			
			19. Nru taċ-Ċertifikat		20. Data tal-Ħruġ	
		21. Data tal-Ħruġ				
		22. Isem komuni tal-ispeċi				
		23. Isem komuni tal-ispeċi				
		Dan il-permess/ċertifikat huwa validu biss jekk l-annimali ħajjin jiġu ttrasportati skont il-Linji gwida Cites għat-Trasport u t-Tehġġija tat-Trasbord ta' Annimali Selvaġġi Ħajjin jew, fil-każ tat-trasport bl-ajru, ir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin ippublikati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA)				
		24. Id-dokumentazzjoni tal-(ri)esportazzjoni mill-pajjiż tal-(ri)esportazzjoni	25. L-/Ir- <input type="checkbox"/> importazzjoni <input type="checkbox"/> esportazzjoni <input type="checkbox"/> riesportazzjoni			
		<input type="checkbox"/> ġie ċedut lill-awtorità tal-Ħruġ. <input type="checkbox"/> għandha tiġi ċeduta lill-uffiċju doganali konfinali tal-introduzzjoni.	tal-oġġetti deskritti fuq hija b'dan permessa. Firma u timbru uffiċjali: Isem tal-uffiċjal tal-Ħruġ: Post u data tal-Ħruġ:			
		26. Numru Polza tat-Tagħbija / Polza tal-Ajru:				
		27. Għall-użu doganali biss	Firma u timbru uffiċjali:			
			Dokument tad-dwana			
		Kwantità / massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati	Għadd ta' annimali mejta mal-wasla	Tip:		
				Numru:		
				Data:		


Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet

1. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-esportatur/riesportatur attwali, mhux ta' aġent. Fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali, l-isem u l-indirizz sħiħ tal-proprjetarju legali.
2. Il-perjodu ta' validità ta' permess ta' esportazzjoni jew ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni ma għandux jaqbeż is-sitt xhur u ta' permess ta' importazzjoni ma għandux jaqbeż it-12-il xahar. Il-perjodu ta' validità ta' Ċertifikat ta' Proprjetà Personali ma għandux jaqbeż it-tliet snin. Wara l-aħħar jum tal-validità tiegħu, dan id-dokument ma jibqax jiswa u l-orijinal u l-kopji kollha għandhom jintbagħtu lura mid-detentur lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ mingħajr dewmien żejjed. Permess ta' importazzjoni ma jkunx validu meta d-dokument CITES korrispondenti mill-pajjiż (ri)esportatur ikun intuża għal xi (ri)esportazzjoni wara l-aħħar jum tal-validità tiegħu jew jekk id-data tal-introduzzjoni fl-Unjoni hija aktar minn sitt xhur mid-data tal-ħruġ tiegħu.
3. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-importatur attwali, mhux ta' aġent. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
5. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
6. Għall-kampjuni haġjin tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness A għajr il-kampjuni mrobbija fil-magħluq jew dawk imnisslin artifiċjalment, l-awtorità tal-ħruġ tista' tippreskrivi l-post li għandhom jinżammu fih billi tinkludi d-dettalji tiegħu f'din il-kaxxa. Kull moviment, minbarra għal xi trattament veterinarju urġenti u sakemm il-kampjuni jintbagħtu lura direttament lejn il-post awtorizzat tagħhom, imbagħad ikun jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità amministrattiva kompetenti.
8. Id-deskrizzjoni trid tkun preċiża kemm jista' jkun possibbli u tinkludi kodiċi bi tliet ittri skont l-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fauna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom.
- 9/10. Uża l-unitajiet tal-kwantità u/jew tal-massa netta skont dawk inklużi fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
11. Niżżel in-numru tal-Appendiċi CITES (I, II, jew III) li fih jiġu elenkati l-ispeċijiet fid-data tal-ħruġ tal-permess/ċertifikat.
12. Niżżel l-ittra tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 338/97 (A, B jew C) li fih jiġu elenkati l-ispeċijiet fid-data tal-ħruġ tal-permess/ċertifikat.
13. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika s-sors:
 - W Kampjuni meħudin mill-ambjent naturali tagħhom
 - R Kampjuni ta' annimali mrobbija f'ambjent ikkontrollat, meħuda bħala bajd jew bħala frieħ mill-ambjent naturali, fejn kieku kien ikollhom probabbiltà baxxa li jissoppravvivo sal-adulterza.
 - D Annimali tal-Anness A imrobbija fil-magħluq għal għanijiet kummerċjali f'operazzjonijiet inklużi fir-Reġistru tas-Segretarjat CITES, skont it-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15), u pjanti tal-Anness A artifiċjalment ippropagati għal għanijiet kummerċjali skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu
 - A Pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Anness A, għal għanijiet mhux kummerċjali u pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Annessi B u C, skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
 - C Annimali mrobbija fil-magħluq skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu
 - F Annimali mwielda fil-magħluq, iżda li għalihom il-kriterji tal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 ma jiġux issodisfati, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
 - I Kampjuni kkonfiskati jew maqbuda ⁽¹⁾
 - O Pre-konvenzjoni ⁽¹⁾
 - U Sors mhux magħruf (irid ikun ġustifikat)

⁽¹⁾ Biex tintuża biss flimkien ma' kodiċi tas-sors ieħor.

14. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika l-għan li għalih jiġu (ri)esportati/importati l-kampjuni:
- B Trobbija fil-magħluq jew tnissil artifiċjali
 - E Edukattiv
 - G Ġonna botaniċi
 - H Trofej tal-kaċċa
 - L Infurzar tal-liġi/ġudizzjarju/forensiku
 - M Mediku (inkluż riċerka bijo-medika)
 - N Introduzzjoni mill-ġdid jew introduzzjoni fl-ambjent naturali
 - P Personali
 - Q Ċirkli u wirjiet li jivvjaġġaw minn post għal ieħor
 - S Xjentifiku
 - T Kummerċjali
 - Z Żus
- 15 sa 17. Il-pajjiż tal-oriġini huwa l-pajjiż li minnu ttieħdu l-kampjuni mill-ambjent naturali, imwiela u mrobbija fil-magħluq, jew ipropagati artifiċjalment. Meta dan ikun pajjiż terz, il-kaxex 16 u 17 għandhom jinkludu dettalji tal-permess rilevanti. Meta kampjuni li joriġinaw minn Stat Membru tal-Unjoni jiġu esportati minn Stat Membru ieħor, huwa biss l-isem tal-Istat Membru tal-oriġini li jrid jissemma fil-kaxxa 15.
- 18 sa 20. Il-pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni huwa, fil-każ ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni, il-pajjiż terz li qed jirriesporta li minnu kienu ġew importati l-kampjuni qabel ma ġew riesportati mill-Unjoni. Fil-każ ta' permess ta' importazzjoni, huwa l-pajjiż terz riesportatur li minnu jkun se jrin jiġu importati l-kampjuni. Il-kaxex 19 u 20 għandhom jinkludu dettalji taċ-ċertifikat rilevanti ta' riesportazzjoni.
21. L-isem xjentifiku għandu jkun skont ir-referenzi standard għan-nomenklatura msemmija fl-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
- 23 sa 25. Għall-użu uffiċjali biss.
26. L-importatur/(ri)esportatur jew l-aġent tiegħu għandu, fejn xieraq, jindika n-numru tal-polza tat-tagħbija jew tal-polza tat-trasport bl-ajru.
27. Biex timtela mill-uffiċċju doganali għall-introduzzjoni fl-Unjoni, jew dik ta' (ri)esportazzjoni, kif xieraq. Fil-każ ta' introduzzjoni, l-oriġinal (il-formola 1) irid jintbagħat lura lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat u l-kopja għad-detentur (il-formola 2) lill-importatur. Fil-każ ta' (ri)esportazzjoni, il-kopja li għandha tiġi rritornata mid-dwana lill-awtorità tal-ħruġ (il-formola 3) għandha tintbagħat lura lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat u l-oriġinal (il-formola 1) u l-kopja għad-detentur (il-formola 2) lill-(ri)esportatur.

L-UNJONI EWROPEA

KOPJA għad-detentur	2	1. Esportatur/Riesportatur	PERMESS/ĊERTIFIKAT <input type="checkbox"/> IMPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> ESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> RIESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> OĦRAJN:		Nru.					
		3. Importatur	 Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-							
			4. Pajjiż ta' (ri)esportazzjoni 5. Pajjiż tal-importazzjoni							
	2	6. Post awtorizzat għall-kampjuni ħajjin tal-ispeċijiet tal-Anness A	7. Awtorità Amministrattiva tal-Ħruġ							
		8. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż marki, sess/data tat-twelid għall-animali ħajjin)	9. Massa netta (kg)		10. Kwantità					
			11. Appendiċi CITES	12. Anness UE	13. Sors	14. Għan				
			15. Pajjiż tal-oriġini							
			16. Nru tal-Permess		17. Data tal-ħruġ					
			18. Pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni							
			19. Nru taċ-Ċertifikat		20. Data tal-ħruġ					
		21. Isem xjentifiku tal-ispeċi								
		22. Isem komuni tal-ispeċi								
		23. Kundizzjonijiet speċjali								
		Dan il-permess/ċertifikat huwa validu biss jekk l-animali ħajjin jiġu ttrasportati skont il-Linji gwida Cites għat-Trasport u t-Teħħija tat-Trasbord ta' Annimali Selvaġġi Ħajjin jew, fil-każ tat-trasport bl-ajru, ir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin ippublikati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA)								
		24. Id-dokumentazzjoni tal-(ri)esportazzjoni mill-pajjiż tal-(ri)esportazzjoni <input type="checkbox"/> ġie ċedut lill-awtorità tal-ħruġ. <input type="checkbox"/> għandha tiġi ċeduta lill-uffiċju doganli konfinali tal-introduzzjoni.		25. L-/Ir- <input type="checkbox"/> importazzjoni <input type="checkbox"/> esportazzjoni <input type="checkbox"/> riesportazzjoni tal-oġġetti deskritti fuq hija b'dan permissa. Firma u timbru uffiċjali: Isem tal-uffiċjal tal-ħruġ: Post u data tal-ħruġ:						
		26. Numru Polza tat-Tagħbija / Polza tal-Ajru:								
		27. Għall-użu doganali biss		Firma u timbru uffiċjali:						
		<table border="1"> <tr> <td>Kwantità / massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati</td> <td>Għadd ta' animali mejta mal-wasla</td> </tr> <tr> <td> </td> <td> </td> </tr> </table>		Kwantità / massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati	Għadd ta' animali mejta mal-wasla			Dokument tad-dwana Tip: Numru: Data:		
Kwantità / massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati	Għadd ta' animali mejta mal-wasla									


Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet

1. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-esportatur/(ri)esportatur attwali, mhux ta' aġent. Fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali, l-isem u l-indirizz sħiħ tal-proprjetarju legali.
2. Il-perjodu ta' validità ta' permess ta' esportazzjoni jew ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni ma għandux jaqbeż is-sitt xhur u ta' permess ta' importazzjoni ma għandux jaqbeż it-12-il xahar. Il-perjodu ta' validità ta' ċertifikat ta' proprjetà personali ma għandux jaqbeż it-tliet snin. Wara l-aħħar jum tal-validità tiegħu, dan id-dokument ma jibqax jiswa u l-orijinal u l-kopji kollha għandhom jintbagħtu lura mid-detentur lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ mingħajr dewmien żejjed. Permess ta' importazzjoni ma jkunx validu meta d-dokument CITES korrispondenti mill-pajjiż (ri)esportatur ikun intuża għal xi (ri)esportazzjoni wara l-aħħar jum tal-validità tiegħu jew jekk id-data tal-introduzzjoni fl-Unjoni hija aktar minn sitt xhur mid-data tal-ħruġ tiegħu.
3. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-importatur attwali, mhux ta' aġent. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
5. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
6. Għall-kampjuni haġġin tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness A għajr il-kampjuni mrobbija fil-maġhluq jew dawk imnislin artifiċjalment, l-awtorità tal-ħruġ tista' tippreskrivi l-post li għandhom jinżammu fih billi tinkludi d-dettalji tiegħu f'din il-kaxxa. Kull moviment, minbarra għal xi trattament veterinarju urġenti u sakemm il-kampjuni jintbagħtu lura direttament lejn il-post awtorizzat tagħhom, imbagħad ikun jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità amministrattiva kompetenti.
8. Id-deskrizzjoni trid tkun preċiża kemm jista' jkun possibbli u tinkludi kodiċi bi tliet ittri skont l-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006 li jstabilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom.
- 9/10. Uża l-unitajiet tal-kwantità u/jew tal-massa netta skont dawk inklużi fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
11. Niżżel in-numru tal-Appendiċi CITES (I, II, jew III) li fih jiġu elenkati l-ispeċijiet fid-data tal-ħruġ tal-permess/ċertifikat.
12. Niżżel l-ittra tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 338/97 (A, B jew C) li fih jiġu elenkati l-ispeċijiet fid-data tal-ħruġ tal-permess/ċertifikat.
13. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika s-sors:
 - W Kampjuni meħudin mill-ambjent naturali tagħhom
 - R Kampjuni ta' annimali mrobbija f'ambjent ikkontrollat, meħuda bħala bajd jew bħala frieħ mill-ambjent naturali, fejn kieku kien ikollhom probabbiltà baxxa li jissoppravvivo sal-adulterza
 - D Annimali tal-Anness A imrobbija fil-maġhluq għal għanijiet kummerċjali f'operazzjonijiet inklużi fir-Reġistru tas-Segretarjat CITES, skont it-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15), u pjanti tal-Anness A artifiċjalment ippropagati għal għanijiet kummerċjali skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu
 - A Pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Anness A, għal għanijiet mhux kummerċjali u pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Annessi B u C, skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
 - C Annimali mrobbija fil-maġhluq skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu
 - F Annimali mwielda fil-maġhluq, iżda li għalihom il-kriterji tal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 ma jiġux issodisfati, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
 - I Kampjuni kkonfiskati jew maqbuda ⁽¹⁾
 - O Pre-konvenzjoni ⁽¹⁾
 - U Sors mhux maġhruf (irid ikun ġustifikat)

⁽¹⁾ Biex tintuża biss flimkien ma' kodiċi tas-sors ieħor.

14. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika l-għan li għalih jiġu (ri)esportati/importati l-kampjuni:
- B Trobbija fil-magħluq jew tnissil artifiċjali
 - E Edukattiv
 - G Ġonna botaniċi
 - H Trofej tal-kaċċa
 - L Infurzar tal-liġi/ġudizzjarju/forensiku
 - M Mediku (inkluż riċerka bijomedika)
 - N Introduzzjoni mill-ġdid jew introduzzjoni fl-ambjent naturali
 - P Personali
 - Q Ċirkli u wirjiet li jivvjaġġaw minn post għal ieħor
 - S Xjentifiku
 - T Kummerċjali
 - Z Żus
- 15 sa 17. Il-pajjiż tal-orijini huwa l-pajjiż li minnu ttieħdu l-kampjuni mill-ambjent naturali, imwiela u mrobbija fil-magħluq, jew iġġirpagati artifiċjalment. Meta dan ikun pajjiż terz, il-kaxex 16 u 17 għandhom jinkludu dettalji tal-permess rilevanti. Meta kampjuni li joriġinaw minn Stat Membru tal-Unjoni jiġu esportati minn Stat Membru ieħor, huwa biss l-isem tal-Istat Membru tal-orijini li jrid jissemma fil-kaxxa 15.
- 18 sa 20. Il-pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni huwa, fil-każ ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni, il-pajjiż terz li qed jirriesporta li minnu kienu ġew importati l-kampjuni qabel ma ġew riesportati mill-Unjoni. Fil-każ ta' permess ta' importazzjoni, huwa l-pajjiż terz riesportatur li minnu jkun se jrin jiġu importati l-kampjuni. Il-kaxex 19 u 20 għandhom jinkludu dettalji taċ-ċertifikat rilevanti ta' riesportazzjoni.
21. L-isem xjentifiku għandu jkun skont ir-referenzi standard għan-nomenklatura msemmija fl-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
- 23 sa 25. Għall-użu uffiċjali biss.
26. L-importatur/(ri)esportatur jew l-aġent tiegħu għandu, fejn xieraq, jindika n-numru tal-polza tat-tagħbija jew tal-polza tat-trasport bl-ajru.
27. Biex timtela mill-uffiċċju doganali għall-introduzzjoni fl-Unjoni, jew dik ta' (ri)esportazzjoni, kif xieraq. Fil-każ ta' introduzzjoni, l-orijinal (il-formola 1) irid jintbagħat lura lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat u l-kopja għad-detentur (il-formola 2) lill-importatur. Fil-każ ta' (ri)esportazzjoni, il-kopja li għandha tiġi rritornata mid-dwana lill-awtorità tal-ħruġ (il-formola 3) għandha tintbagħat lura lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat u l-orijinal (il-formola 1) u l-kopja għad-detentur (il-formola 2) lill-(ri)esportatur.

L-UNJONI EWROPEA

KOPJA biex tiġi rritornata mid-dwana lill-awtorità tal-ħruġ *	3	1. Esportatur / Riesportatur	PERMESS/ĊERTIFIKAT <input type="checkbox"/> IMPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> ESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> RIESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> OĦRAJN:		Nru 2. L-aħħar jum ta' validità:	
		3. Importatur	 Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet tal-Fawna u Flora Selvaġġi fil-			
		6. Post awtorizzat għal kampjuni ħajjin tal-ispeċijiet tal-Anness A	4. Pajjiż ta' (ri)esportazzjoni		5. Pajjiż tal-importazzjoni	
3			7. Awtorità Amministrattiva tal-ħruġ			
* Fil-każ ta' permiss tal-importazzjoni għal kampjuni tal-Appendiċi I taċ-CITES, din il-kopja tista' tiġi rritornata lill-applikant għat-tressiq lill-Awtorità Amministrattiva (AA) tal-pajjiż		8. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż marki, sess, data tat-twelid għal annimali ħajjin)	9. Massa netta (kg)	10. Kwantità		
			11. Appendiċi CITES	12. Anness UE	13. Sors	14. Għan
			15. Pajjiż tal-orġini			
			16. Nru tal-permess		17. Data tal-ħruġ	
			18. Pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni			
			19. Nru taċ-Ċertifikat		20. Data tal-ħruġ	
		21. Isem xjentifiku tal-ispeċi				
		22. Isem komuni tal-ispeċi				
		23. Isem komuni tal-ispeċi				
		Dan il-permess/ċertifikat huwa validu biss jekk l-annimali ħajjin huma ttrasportati f'konformità mal-Linji Gwida taċ-CITES għat-Trasport u t-Thejġija għat-Trażbord tal- Annimali Ħajjin Selvaġġi jew, fil-każ ta' trasport bl-ajru, ir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin ippubblikati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA)				
	24. Id-dokumentazzjoni ta' (ri)esportazzjoni mill-pajjiż ta' (ri)esportazzjoni <input type="checkbox"/> ġie ċedut lill-awtorità tal-ħruġ <input type="checkbox"/> għandha tiġi ċeduta lill-uffiċċju doganali konfinali tal-introduzzjoni <div style="border: 1px solid black; width: 100%; height: 30px;"></div>	25. L-/Ir- <input type="checkbox"/> importazzjoni <input type="checkbox"/> esportazzjoni <input type="checkbox"/> riesportazzjoni tal-oġġetti deskritti hawn fuq hija b'dan permissa. Firma u timbru uffiċjali: Isem l-uffiċjal tal-ħruġ: Post u data tal-ħruġ:				
	26. Polza tal-ħatt l-art / Numru tal-Polza tat-Tagħbija tal-Ajru:					
	27. Għall-użu doganali biss		Firma u timbru uffiċjali: Dokument doganali Tip: Numru: Data:			
	Kwantità/massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati		Għadd ta' annimali mejtin mal-wasla			


Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet

1. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-esportatur/(ri)esportatur attwali, mhux ta' aġent. Fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali, l-isem u l-indirizz sħiħ tal-proprjetarju legali.
2. Il-perjodu ta' validità ta' permess ta' esportazzjoni jew ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni ma għandux jaqbeż is-sitt xhur u ta' permess ta' importazzjoni ma għandux jaqbeż it-12-il xahar. Il-perjodu ta' validità ta' ċertifikat ta' proprjetà personali ma għandux jaqbeż it-tliet snin. Wara l-aħħar jum tal-validità tiegħu, dan id-dokument ma jibqax jiswa u l-orijinal u l-kopji kollha għandhom jintbagħtu lura mid-detentur lill-awtorità amministrattiva tal-ħruġ mingħajr dewmien żejjed. Permess ta' importazzjoni ma jkunx validu meta d-dokument CITES korrispondenti mill-pajjiż (ri)esportatur ikun intuża għal xi (ri)esportazzjoni wara l-aħħar jum tal-validità tiegħu jew jekk id-data tal-introduzzjoni fl-Unjoni hija aktar minn sitt xhur mid-data tal-ħruġ tiegħu.
3. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-importatur attwali, mhux ta' aġent. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
5. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
6. Għall-kampjuni ħajjin tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness A għajr il-kampjuni mrobbija fil-magħluq jew dawk imnisslin artifiċjalment, l-awtorità tal-ħruġ tista' tippreskrivi l-post li għandhom jinżammu fih billi tinkludi d-dettalji tiegħu f'din il-kaxxa. Kull moviment, minbarra għal xi trattament veterinarju urġenti u sakemm il-kampjuni jintbagħtu lura direttament lejn il-post awtorizzat tagħhom, imbagħad ikun jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità amministrattiva kompetenti.
8. Id-deskrizzjoni trid tkun preċiża kemm jista' jkun possibbli u tinkludi kodiċi bi tliet ittri skont l-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom.
- 9/10. Uża l-unitajiet tal-kwantità u/jew tal-massa netta skont dawk inklużi fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
11. Niżżel in-numru tal-Appendiċi CITES (I, II, jew III) li fih jiġu elenkati l-ispeċijiet fid-data tal-ħruġ tal-permess/ċertifikat.
12. Niżżel l-ittra tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 338/97 (A, B jew C) li fih jiġu elenkati l-ispeċijiet fid-data tal-ħruġ tal-permess/ċertifikat.
13. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika s-sors:
 - W Kampjuni meħudin mill-ambjent naturali tagħhom
 - R Kampjuni ta' annimali mrobbija f'ambjent ikkontrollat, meħuda bħala bajd jew bħala frieħ mill-ambjent naturali, fejn kieku kien ikollhom probabbiltà baxxa li jissoppravvivo sal-adulterza.
 - D Annimali tal-Anness A imrobbija fil-magħluq għal għanijiet kummerċjali f'operazzjonijiet inklużi fir-Reġistru tas-Segretarjat CITES, skont it-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15), u pjanti tal-Anness A artifiċjalment ippropagati għal għanijiet kummerċjali skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu
 - A Pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Anness A, għal għanijiet mhux kummerċjali u pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Annessi B u C, skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivattivi tagħhom
 - C Annimali mrobbija fil-magħluq skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu
 - F Annimali mwielda fil-magħluq, iżda li għalihom il-kriterji tal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 ma jiġux issodisfati, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
 - I Kampjuni kkonfiskati jew maqbuda ⁽¹⁾
 - O Pre-konvenzjoni ⁽¹⁾
 - U Sors mhux magħruf (irid ikun ġustifikat)


⁽¹⁾ Biex tintuża biss flimkien ma' kodiċi tas-sors ieħor.

14. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika l-għan li għalih jiġu (ri)esportati/importati l-kampjuni:
- B Trobbija fil-magħluq jew tnissil artifiċjali
 - E Edukattiv
 - G Ġonna botaniċi
 - H Trofej tal-kaċċa
 - L Infurzar tal-liġi/ġudizzjarju/forensiku
 - M Mediku (inkluż riċerka bijomedika)
 - N Introduzzjoni mill-ġdid jew introduzzjoni fl-ambjent naturali
 - P Personali
 - Q Ċirkli u wirjiet li jivvjaġġaw minn post għal ieħor
 - S Xjentifiku
 - T Kummerċjali
 - Z Żus
- 15 sa 17. Il-pajjiż tal-orijini huwa l-pajjiż li minnu ttieħdu l-kampjuni mill-ambjent naturali, imwielda u mrobbija fil-magħluq, jew imwielda artifiċjalment. Meta dan ikun pajjiż terz, il-kaxex 16 u 17 għandhom jinkludu dettalji tal-permess rilevanti. Meta kampjuni li joriġinaw minn Stat Membru tal-Unjoni jiġu esportati minn Stat Membru ieħor, huwa biss l-isem tal-Istat Membru tal-orijini li jrid jissemma fil-kaxxa 15.
- 18 sa 20. Il-pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni huwa, fil-każ ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni, il-pajjiż terz li qed jirriesporta li minnu kienu ġew importati l-kampjuni qabel ma ġew riesportati mill-Unjoni. Fil-każ ta' permess ta' importazzjoni, huwa l-pajjiż terz riesportatur li minnu jkunu sejrin jiġu importati l-kampjuni. Il-kaxex 19 u 20 għandhom jinkludu dettalji taċ-ċertifikat rilevanti ta' riesportazzjoni.
21. L-isem xjentifiku għandu jkun skont ir-referenzi standard għan-nomenklatura msemmija fl-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
- 23 sa 25. Għall-użu uffiċjali biss.
26. L-importatur/riesportatur jew l-aġent tiegħu għandu, fejn xieraq, jindika n-numru tal-polza tat-tagħbija jew tal-polza tat-trasport bl-ajru.
27. Biex timtela mill-uffiċċju doganali għall-introduzzjoni fl-Unjoni, jew dik ta' (ri)esportazzjoni, kif xieraq. Fil-każ ta' introduzzjoni, l-orijinal (il-formola 1) irid jintbagħat lura lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat u l-kopja għad-detentur (il-formola 2) lill-importatur. Fil-każ ta' (ri)esportazzjoni, il-kopja li għandha tiġi rritornata mid-dwana lill-awtorità tal-ħruġ (il-formola 3) għandha tintbagħat lura lill-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat u l-orijinal (il-formola 1) u l-kopja għad-detentur (il-formola 2) lill-(ri)esportatur.

L-UNJONI EWROPEA

KOPJA għall-awtorità tal-ħruġ	4	1. Esportatur/Riesportatur	PERMESS/ĊERTIFIKAT		Nru.				
			<input type="checkbox"/> IMPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> ESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> RIESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> OĦRAJN:		2. L-aħħar jum ta' validità				
		3. Importatur	 Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu						
		4. Pajjiż ta' (ri)esportazzjoni							
		5. Pajjiż tal-importazzjoni							
	4	6. Post awtorizzat għall-kampjuni ħajjin tal-ispeċijiet tal-Anness A	7. Awtorità Amministrattiva tal-ħruġ						
		8. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż marki, sess/data tat-twelid għall-animali ħajjin)	9. Massa netta (kg)		10. Kwantità				
			11. Appendiċi CITES	12. Anness UE	13. Sors	14. Għan			
			15. Pajjiż tal-orijini						
			16. Nru tal-Permess		17. Data tal-ħruġ				
			18. Pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni						
			19. Nru taċ-Ċertifikat		20. Data tal-ħruġ				
			21. Isem xjentifiku tal-ispeċi						
		22. Isem komuni tal-ispeċi							
		23. Kundizzjonijiet speċjali							
		Dan il-permess/ċertifikat huwa biss validu jekk l-animali ħajjin jiġu ttrasportati skont il-Linji gwida Cites għat-Trasport u t-Teħhija tat-Trasbord ta' Annimali Selvaġġi Ħajjin jew, fil-każ tat-trasport bl-ajru, ir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin ippubblikati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA)							
		24. Id-dokumentazzjoni tal-(ri)esportazzjoni mill-pajjiż tal-(ri)esportazzjoni	25. L-/Ir- <input type="checkbox"/> importazzjoni <input type="checkbox"/> esportazzjoni <input type="checkbox"/> riesportazzjoni						
		<input type="checkbox"/> ġie ċedut lill-awtorità tal-ħruġ. <input type="checkbox"/> għandha tiġi ċeduta lill-uffiċju doganli konfinali tal-introduzzjoni.	tal-oġġetti deskritti fuq hija b'dan permissa. Firma u timbru uffiċjali: Isem tal-uffiċjal tal-ħruġ: Post u data tal-ħruġ:						
		26. Numru Polza tat-Tagħbija / Polza tal-Ajru:							
		27. Għall-użu doganali biss		Firma u timbru uffiċjali:					
		<table border="1"> <tr> <td>Kwantità / massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati</td> <td>Għadd ta' annimali mejta mal-wasla</td> </tr> <tr> <td> </td> <td> </td> </tr> </table>		Kwantità / massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati	Għadd ta' annimali mejta mal-wasla			Dokument tad-dwana Tip: Numru: Data:	
Kwantità / massa netta (kg) attwalment importati jew (ri)esportati	Għadd ta' annimali mejta mal-wasla								

L-UNJONI EWROPEA

APPLIKAZZJONI	5	1. Esportatur/Riesportatur	PERMESS/ĊERTIFIKAT <input type="checkbox"/> IMPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> ESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> RIESPORTAZZJONI <input type="checkbox"/> OĦRAJN:			
		3. Importatur	 Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu			
			4. Pajjiż ta' (ri)esportazzjoni			
			5. Pajjiż tal-importazzjoni			
		6. Post fejn se jinżammu l-ispeċijiet haġġin tal-Anness A	7. Awtorità Amministrattiva tal-Ħruġ			
5		8. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż marki, sess/data tat-twelid għall-animali haġġin)	9. Massa netta (kg)	10. Kwantità		
			11. Appendiċi CITES	12. Anness UE	13. Sors	14. Għan
			15. Pajjiż tal-oriġini			
			16. Nru tal-Permess		17. Data tal-ħruġ	
			18. Pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni			
			19. Nru taċ-Ċertifikat		20. Data tal-ħruġ	
		21. Isem xjentifiku tal-ispeċi				
		22. Isem komuni tal-ispeċi				
		23. B'dan napplika għall-permess/ċertifikat indikat fuq. Rimarki (eż. dwar l-għan tal-introduzzjoni, dettalji tal-akkomodazzjoni għall-kampjuni haġġin, eċċ.)				
		Nehmeż l-evidenza dokumentarja meħtieġa u niddikjara li d-dettalji pprovduti huma sa fejn naf u nemmen korretti. Niddikjara li applikazzjoni għal permess/ċertifikat għall-kampjuni ma kinitx inċaħdet xi darba oħra.				
		_____ Firma				
		_____ Isem l-applikant				
		_____ Post u data				
		Annimali haġġin jiġu ttrasportati skont il-Linji gwida Cites għat- Trasport u t-Thejġija tat-Trasbord ta' Annimali Selvaġġi Haġġin jow, fil-każ tat-trasport bl-ajru, ir-Regolamenti dwar l-Annimali Haġġin ippubblikati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA)				

Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet

1. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-esportatur/(ri)esportatur attwali, mhux ta' aġent. Fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali, l-isem u l-indirizz sħiħ tal-proprjetarju legali.
2. Mhux applikabbli.
3. L-isem u l-indirizz sħiħ tal-importatur attwali, mhux ta' aġent. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
5. Din għandha titħalla vojta fil-każ ta' ċertifikat ta' proprjetà personali.
6. Għandha timtela biss fuq il-formola tal-applikazzjoni fil-każ ta' kampjuni ħajjin tal-ispeċi elenkati fl-Anness A għajr il-kampjuni mrobbija fil-magħluq jew imniisslin artifiċjalment.
8. Id-deskrizzjoni trid tkun preċiża kemm jista' jkun possibbli u tinkludi kodiċi bi tliet (3) ittri skont l-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom.
- 9/10. Uża l-unitajiet tal-kwantità u/jew tal-massa netta skont dawk inklużi fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
11. Niżżel in-numru tal-Appendiċi ta' CITES (I, II, jew III) li fih jiġu elenkati l-ispeċi fid-data tal-applikazzjoni għall-permess/ċertifikat.
12. Niżżel l-ittra tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 338/97 (A, B jew C) li fih jiġu elenkati l-ispeċi fid-data tal-applikazzjoni.
13. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika s-sors:
 - W Kampjuni meħudin mill-ambjent naturali tagħhom
 - R Kampjuni ta' annimali mrobbija f'ambjent ikkontrollat, meħuda bħala bajd jew bħala frieħ mill-ambjent naturali, fejn kieku kien ikollhom probabbiltà baxxa li jissoppravvivo sal-adulterza.
 - D Annimali tal-Anness A imrobbija fil-magħluq għal għanijiet kummerċjali f'operazzjonijiet inklużi fir-Reġistru tas-Segretarjat CITES, skont it-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15), u pjanti tal-Anness A artifiċjalment ippropagati għal għanijiet kummerċjali skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu'
 - A Pjanti mniisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Anness A, għal għanijiet mhux kummerċjali u pjanti mniisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Annessi B u C, skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivattivi tagħhom
 - C Annimali mrobbija fil-magħluq skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu
 - F Annimali mwielda fil-magħluq, iżda li għalihom il-kriterji tal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 ma jiġux issodisfati, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
 - I Kampjuni kkonfiskati jew maqbuda ⁽¹⁾
 - O Pre-konvenzjoni ⁽¹⁾
 - U Sors mhux magħruf (irid ikun ġustifikat)
14. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika l-għan li għalih jiġu (ri)esportati/importati l-kampjuni:
 - B Trobbija fil-magħluq jew tniissil artifiċjali
 - E Edukattiv
 - G Ġonna botaniċi

⁽¹⁾ Biex tintuża biss flimkien ma' kodiċi tas-sors ieħor.

- H Trofej tal-kaċċa
- L Infurzar tal-liġi/ġudizzjarju/forensiku
- M Mediku (inkluż riċerka bijomedika)
- N Introduzzjoni mill-ġdid jew introduzzjoni fl-ambjent naturali
- P Personali
- Q Ċirkli u wirjiet li jivvjaġġaw minn post għal ieħor
- S Xjentifiku
- T Kummerċjali
- Z Żus
- 15 sa 17. Il-pajjiż ta' oriġini huwa l-pajjiż li minnu ttiēhdu l-kampjuni mill-ambjent naturali, twieldu u trabbew fil-maġhluq, jew tnisslu artifiċjalment. Meta dan ikun pajjiż terz, il-kaxex 16 u 17 għandhom jinkludu dettalji tal-permess rilevanti. Meta kampjuni li joriġinaw minn Stat Membru tal-Unjoni jiġu esportati minn Stat Membru ieħor, huwa biss l-isem tal-Istat Membru tal-oriġini li jrid jissema fil-kaxxa 15.
- 18 sa 20. Il-pajjiż tal-aħħar riesportazzjoni huwa, fil-każ ta' ċertifikat ta' riesportazzjoni, il-pajjiż terz li qed jirriesporta li minnu kienu ġew importati l-kampjuni qabel ma ġew riesportati mill-Unjoni. Fil-każ ta' permess ta' importazzjoni, huwa l-pajjiż terz riesportatur li minnu jkunu sejrin jiġu importati l-kampjuni. Il-kaxex 19 u 20 għandhom jinkludu dettalji taċ-ċertifikat rilevanti ta' riesportazzjoni.
21. L-isem xjentifiku għandu jkun skont ir-referenzi standard għan-nomenklatura msemmija fl-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 865/2006.
23. Ipprovd i kemm tista' dettalji u ġġustifika kwalunkwe ommissjoni għall-informazzjoni meħtieġa fuq.
-

ANNEX II

L-UNJONI EWROPEA

ORIĠINAL	1	1. Importatur	NOTIFIKI TA' IMPORTAZZJONI	Nru.	
			Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 865/2006 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fauna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom		
		2. Stat Membru tal-importazzjoni	3. Data tal-importazzjoni		
		4. Pajjiż tal-orġini	5. Pajjiż tal-(ri)esportazzjoni		
	A	6. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż kodiċi tas-sors u dokument ta' (ri)esportazzjoni numru għall-ispeċijiet tal-Appendiċi III Cites)	7. Massa netta (kg)	8. Kwantità	
			9. Isem xjentifiku tal-ispeċi		10. Appendiċi CITES
			11. Isem komuni tal-ispeċi		12. Anness UE
	B	6. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż kodiċi tas-sors u dokument ta' (ri)esportazzjoni numru għall-ispeċijiet tal-Appendiċi III Cites)	7. Massa netta (kg)	8. Kwantità	
			9. Isem xjentifiku tal-ispeċi		10. Appendiċi CITES
			11. Isem komuni tal-ispeċi		12. Anness UE
	C	6. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż kodiċi tas-sors u dokument ta' (ri)esportazzjoni numru għall-ispeċijiet tal-Appendiċi III Cites)	7. Massa netta (kg)	8. Kwantità	
			9. Isem xjentifiku tal-ispeċi		10. Appendiċi CITES
			11. Isem komuni tal-ispeċi		12. Anness UE
D	6. Deskrizzjoni tal-kampjuni (inkluż kodiċi tas-sors u dokument ta' (ri)esportazzjoni numru għall-ispeċijiet tal-Appendiċi III Cites)	7. Massa netta (kg)	8. Kwantità		
		9. Isem xjentifiku tal-ispeċi		10. Appendiċi CITES	
		11. Isem komuni tal-ispeċi		12. Anness UE	
